MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2010

Talba Numru. 972/2010

**Vodafone Malta Ltd (C 10865)**
**Vs**
**Alberta Amato (K.I. 434985M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet hlas ta’ disa’ mija, sebgha u hamsin ewro u tnejn u sebghin centezmu (€957.72) rapprezentanti bilanc ta’ prezz dovut mill-istess konvenuta lis-socjeta’ attrici bhala hlas ta’ servizzi a bazi ta’ ftehim bejn il-kontendenti (dokumenti ta’ rendikont annessi mat-talba dok. A).

Illi l-konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex thallas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk l-ammont ghadu dovut sal-lum.

Bl-ispejjez, inkluz tal-mandat ta’ sekwestru numru 2491/10 u bl-imghax legali mid-data ta’ dan l-avviz sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Illi l-konvenuta interpellata diversi drabi sabiex thallas baqghet inadempjenti.

Bl-ispejjez, u bl-imghax legali kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx ir-risposta ghalkemm debitament notifikata u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fil-konfront tal-konvenuta fis-7 ta’ Ottubru, 2010 mill- Avukat Dr. Charlene Briffa u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba tas-socejta’ attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------